Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2022/0398(COD)

2.5.2023

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u ta' pieni għall-ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni
(COM(2022)0684 – C9-0401/2022 – 2022/0398(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Sophia in 't Veld

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u ta' pieni għall-ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni (COM(0022)0684 – C9-0401/2022 – 2022/0398(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(0022)0684),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0401/2022),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-23 ta' Marzu 2023[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0000/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 4

[1] Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-applikazzjoni effettiva tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni titlob definizzjonijiet kriminali komuni ta' mġiba li tikser il-miżuri restrittivi tal-Unjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li din l-imġiba tikkostitwixxi reat kriminali meta jitwettaq b'intenzjoni kif ukoll b'negliġenza ***serja***, f'każ li l-persuna fiżika jew ġuridika tkun taf jew kellha tkun taf, li l-imġiba tagħha tikser il-miżuri restrittivi tal-Unjoni.	(4) L-applikazzjoni effettiva tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni titlob definizzjonijiet kriminali komuni ta' mġiba li tikser il-miżuri restrittivi tal-Unjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li din l-imġiba tikkostitwixxi reat kriminali meta jitwettaq b'intenzjoni kif ukoll b'negliġenza, f'każ li l-persuna fiżika jew ġuridika tkun taf jew kellha tkun taf, li l-imġiba tagħha tikser il-miżuri restrittivi tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li l-professjonisti legali, kif definiti mill-Istati Membri, ikunu soġġetti għal din id-Direttiva, inkluż l-obbligu li jirrapportaw il-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, meta jipprovdu servizzi fil-kuntest ta' attivitajiet professjonali, bħal servizzi legali, finanzjarji u kummerċjali. L-esperjenza turi li hemm riskju ċar li s-servizzi ta' dawk il-professjonisti legali jintużaw ħażin għall-fini ta' ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li jkun hemm eżenzjonijiet minn kwalunkwe obbligu li tiġi rrapportata informazzjoni li tinkiseb b'rabta stretta ma' proċedimenti ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrali, kemm jekk qabel, matul jew wara l-proċedimenti ġudizzjarji, jew matul l-aċċertar tal-pożizzjoni legali ta' klijent. Għalhekk, jenħtieġ li l-parir legali f'dawk iċ-ċirkostanzi jibqa' soġġett għall-obbligu tas-segretezza professjonali, ħlief meta l-professjonist legali jkun qed jieħu sehem fil-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, il-parir legali jiġi pprovdut għall-finijiet ta'	(7) Jenħtieġ li l-professjonisti legali, kif definiti mill-Istati Membri, ikunu soġġetti għal din id-Direttiva, inkluż l-obbligu li jirrapportaw il-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, meta jipprovdu servizzi fil-kuntest ta' attivitajiet professjonali, bħal servizzi legali, finanzjarji u kummerċjali. L-esperjenza turi li hemm riskju ċar li s-servizzi ta' dawk il-professjonisti legali jintużaw ħażin għall-fini ta' ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li jkun hemm eżenzjonijiet minn kwalunkwe obbligu li tiġi rrapportata informazzjoni li tinkiseb b'rabta stretta ma' proċedimenti ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrali, kemm jekk qabel, matul jew wara l-proċedimenti ġudizzjarji, jew matul l-aċċertar tal-pożizzjoni legali ta' klijent. Għalhekk, jenħtieġ li l-parir legali f'dawk iċ-ċirkostanzi jibqa' soġġett għall-obbligu tas-segretezza professjonali, ħlief meta l-professjonist legali jkun qed jieħu sehem fil-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, il-parir legali jiġi pprovdut għall-finijiet ta'

ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, jew il-professjonist legali jkun jaf li l-klijent qiegħed ifittex parir legali għall-finijiet ta' ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni. L-għarfien jista' jiġu dedott minn ċirkostanzi fattwali u oġġettivi.	ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, jew il-professjonist legali jkun jaf ***jew ikollu raġunijiet biex jemmen*** li l-klijent qiegħed ifittex parir legali għall-finijiet ta' ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni. L-għarfien jista' jiġu dedott minn ċirkostanzi fattwali u oġġettivi.
	Or. en

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Minħabba li l-persuni ġuridiċi huma wkoll soġġetti għal miżuri restrittivi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-persuni ġuridiċi jinżammu responsabbli b'mod kriminali wkoll għal reati relatati mal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni skont din id-Direttiva. L-Istati Membri li l-liġi nazzjonali tagħhom ma tipprevedix ir-responsabbiltà kriminali tal-persuni ġuridiċi jenħtieġ li jiżguraw li s-sistemi ta' sanzjonar amministrattivi tagħhom jipprevedu tipi u livelli ta' ***pieni*** effettivi, dissważivi u proporzjonati.	(11) Minħabba li l-persuni ġuridiċi huma wkoll soġġetti għal miżuri restrittivi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-persuni ġuridiċi jinżammu responsabbli b'mod kriminali wkoll għal reati relatati mal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni skont din id-Direttiva. L-Istati Membri li l-liġi nazzjonali tagħhom ma tipprevedix ir-responsabbiltà kriminali tal-persuni ġuridiċi jenħtieġ li jiżguraw li s-sistemi ta' sanzjonar amministrattivi tagħhom jipprevedu tipi u livelli ta' ***sanzjonijiet*** effettivi, dissważivi u proporzjonati.
	Or. en

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Jenħtieġ li jitrawmu approssimazzjoni u effettività ulterjuri tal-livelli ta' pieni imposti fil-prattika permezz ta' ċirkostanzi aggravanti komuni li jirriflettu s-severità tar-reat imwettaq. Il-	(12) Jenħtieġ li jitrawmu approssimazzjoni u effettività ulterjuri tal-livelli ta' pieni imposti fil-prattika permezz ta' ċirkostanzi aggravanti komuni li jirriflettu s-severità tar-reat imwettaq. Il-

kunċett ta’ ċirkostanzi aggravanti għandu jinftiehem jew bħala fatti li jippermettu lill-imħallef nazzjonali jew lill-qorti jagħtu sentenza ogħla għall-istess reat minn dik riċevuta mingħajr dawn il-fatti, jew bħala l-possibbiltà li jinżammu diversi reati b’mod kumulattiv sabiex jiżdied il-livell tal-piena. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu l-possibbiltà ta’ ***mill-inqas waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi*** aggravanti f’konformità mar-regoli applikabbli stabbiliti mis-sistema legali tagħhom dwar ċirkostanzi aggravanti. Fi kwalunkwe każ, jenħtieġ li jibqa’ fid-diskrezzjoni tal-imħallef jew tal-qorti li jiddetermina jekk għandhiex tiżdied is-sentenza, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-kawża individwali.	kunċett ta’ ċirkostanzi aggravanti għandu jinftiehem jew bħala fatti li jippermettu lill-imħallef nazzjonali jew lill-qorti jagħtu sentenza ogħla għall-istess reat minn dik riċevuta mingħajr dawn il-fatti, jew bħala l-possibbiltà li jinżammu diversi reati b’mod kumulattiv sabiex jiżdied il-livell tal-piena. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu l-possibbiltà ta’ ***ċirkostanzi*** aggravanti f’konformità mar-regoli applikabbli stabbiliti mis-sistema legali tagħhom dwar ċirkostanzi aggravanti. Fi kwalunkwe każ, jenħtieġ li jibqa’ fid-diskrezzjoni tal-imħallef jew tal-qorti li jiddetermina jekk għandhiex tiżdied is-sentenza, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-kawża individwali.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex jiġu żgurati l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta’ ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jikkooperaw permezz tal-Europol, il-Eurojust u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u magħhom. Dawn l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ ukoll li jikkondividu informazzjoni bejniethom u mal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet prattiċi.	(19) Sabiex jiġu żgurati l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta’ ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jikkooperaw permezz tal-Europol, il-Eurojust u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u magħhom. Dawn l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ ukoll li jikkondividu informazzjoni bejniethom u mal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet prattiċi. ***Għall-finijiet ta’ din id-Direttiva, u minkejja estensjoni possibbli tal-kompetenza tal-UPPE, l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri li jipparteċipaw f’kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE, jenħtieġ li jikkooperaw mill-qrib mal-livelli ċentrali***

	u deċentralizzati tal-UPPE. Jenħtieġ li, b'mod partikolari, jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, inkluż fejn l-UPPE jkun kompetenti fir-rigward ta' reati kriminali għall-ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni minħabba li jikkostitwixxu reati rigward il-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali jew reati kriminali marbuta b'mod inseparabbli mar-reati msemmija fl-Artikolu 22(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2017/1939.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kamp ta' applikazzjoni ***u definizzjonijiet***	Kamp ta' applikazzjoni

Or. en

Ġustifikazzjoni

Artikoli separati għall-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet.

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Definizzjonijiet

Or. en

Ġustifikazzjoni

Artikoli separati għall-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet.

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt h – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) ***il-ħabi*** ta' fondi jew ta' riżorsi ekonomiċi li huma proprjetà ***ta'persuna***, entità jew korp dežinjati, miżmuma jew ikkontrollati minnhom , li jenħtieġ li jiġu ffriżati f'konformità ma' miżura restrittiva tal-Unjoni, ***bit-trasferiment*** ta' dawk il-fondi***,*** jew ta' riżorsi ekonomiċi ***lil*** parti terza;	(i) ***il-moviment, it-trasferiment, l-alterazzjoni, l-użu, l-aċċessar, l-immaniġġjar, il-bejgħ, il-kiri ta', jew il-kostituzzjoni ta' garanziji fuq,*** fondi jew ta' riżorsi ekonomiċi li huma proprjetà ***ta' persuna***, entità jew korp dežinjati, miżmuma jew ikkontrollati minnhom, li jenħtieġ li jiġu ffriżati f'konformità ma' miżura restrittiva tal-Unjoni, ***b'mod li jirriżulta f'bidla fil-volum, l-ammont, il-lokazzjoni, is-sjieda, il-pussess, il-karattru jew id-destinazzjoni*** ta' dawk il-fondi jew ta' riżorsi ekonomiċi ***jew kwalunkwe bidla oħra li tippermetti li dawk il-fondi u r-riżorsi jintużaw, inkluż minn*** parti terza ***jew permezz ta' ġestjoni tal-portafolji***;

Or. en

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-imġiba msemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a) sa (g) għandha tikkostitwixxi reat kriminali anke jekk titwettaq b'negliġenza ***serja***.	(3) L-imġiba msemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a) sa (g) għandha tikkostitwixxi reat kriminali anke jekk titwettaq b'negliġenza.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Xejn fil-paragrafu 2 ma għandu jinftiehem li jimponi obbligu fuq il-professjonisti legali li jirrapportaw informazzjoni li tinkiseb b'rabta stretta mal-proċedimenti ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrali, kemm jekk qabel, matul jew wara l-proċedimenti ġudizzjarji, jew matul l-aċċertar tal-pożizzjoni legali ta' klijent. Il-parir legali f'dawk iċ-ċirkostanzi għandu jkun protett mis-segretezza professjonali, ħlief meta l-professjonist legali jkun qed jieħu sehem fil-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, il-parir legali jiġi pprovdut għall-finijiet ta' ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni, jew il-professjonist legali jkun jaf li l-klijent qed ifittex parir legali għall-finijiet ta' ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni.	(5) Xejn fil-paragrafu 2 ma għandu jinftiehem li jimponi obbligu fuq il-professjonisti legali li jirrapportaw informazzjoni li tinkiseb b'rabta stretta mal-proċedimenti ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrali, kemm jekk qabel, matul jew wara l-proċedimenti ġudizzjarji, jew matul l-aċċertar tal-pożizzjoni legali ta' klijent. Il-parir legali f'dawk iċ-ċirkostanzi għandu jkun protett mis-segretezza professjonali, ħlief meta l-professjonist legali jkun qed jieħu sehem fil-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, il-parir legali jiġi pprovdut għall-finijiet ta' ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni, jew il-professjonist legali jkun jaf ***jew ikollu raġunijiet biex jemmen*** li l-klijent qed ifittex parir legali għall-finijiet ta' ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li r-reati kriminali msemmija ***fl-Artikolu 3(2), fil-punti (h)(iii), (iv) u (v),*** ikunu punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***sena*** priġunerija meta jinvolvu fondi jew riżorsi ekonomiċi ta' valur ta' mill-inqas EUR 100 000. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-limitu ta' EUR 100 000 jew aktar jista' jintlaħaq ukoll permezz ta' serje ta' reati marbuta msemmija fl-	(3) L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li r-reati kriminali msemmija ***fl-Artikoli 3 u 4*** ikunu punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***ħames snin*** priġunerija meta jinvolvu fondi jew riżorsi ekonomiċi ta' valur ta' mill-inqas EUR 100 000. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-limitu ta' EUR 100 000 jew aktar jista' jintlaħaq ukoll permezz ta' serje ta' reati marbuta msemmija fl-Artikolu 3(2) meta

Artikolu 3(2)***, il-punti (h)(iii), (iv) u (v),*** meta jitwettqu mill-istess awtur.	jitwettqu mill-istess awtur.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li r-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3(2), fil-punti (a) sa (g), (h)(i) u (ii), u l-punt (i), huma punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 5 snin priġunerija meta jinvolvu fondi jew riżorsi ekonomiċi ta' valur ta' mill-inqas EUR 100 000. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-limitu ta' EUR 100 000 jew aktar jista' jintlaħaq ukoll permezz ta' sensiela ta' reati marbuta msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punti (a) sa (g), (h)(i) u (ii), u l-punt (i), mill-istess awtur tar-reat.	***imħassar***

Or. en

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li l-persuni fiżiċi li jkunu wettqu r-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 jistgħu jkunu soġġetti għal pieni addizzjonali. Dawk il-pieni addizzjonali għandhom jinkludu multi.	(5) L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li l-persuni fiżiċi li jkunu wettqu r-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 jistgħu jkunu soġġetti għal pieni addizzjonali. Dawk il-pieni addizzjonali għandhom jinkludu multi ***massimi ta' ammont ta' mill-inqas EUR 10 000 000 meta dawk ir-reati jinvolvu fondi jew riżorsi ekonomiċi***

b'valur ta' mill-inqas EUR 100 000.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Pieni għall-persuni ġuridiċi	***Sanzjonijiet*** għall-persuni ġuridiċi

Or. en

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li persuna ġuridika miżmuma responsabbli skont l-Artikolu ***7*** tkun soġġetta għal ***pieni*** effettivi, proporzjonati u dissważivi, li għandhom jinkludu multi kriminali jew mhux kriminali, esklużjoni mill-intitolament għal benefiċċji jew għajnuna pubbliċi, esklużjoni mill-aċċess għal finanzjament pubbliku, inklużi proċeduri ta' offerti, għotjiet u konċessjonijiet u jistgħu jinkludu ***pieni*** oħra, bħal:	(1) L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li persuna ġuridika miżmuma responsabbli skont l-Artikolu ***6*** tkun soġġetta għal ***sanzjonijiet*** effettivi, proporzjonati u dissważivi, li għandhom jinkludu multi kriminali jew mhux kriminali, esklużjoni mill-intitolament għal benefiċċji jew għajnuna pubbliċi, esklużjoni mill-aċċess għal finanzjament pubbliku, inklużi proċeduri ta' offerti, għotjiet u konċessjonijiet u jistgħu jinkludu ***sanzjonijiet*** oħra, bħal:

Or. en

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li għal persuni ġuridiċi miżmuma responsabbli skont l-Artikolu ***7***, ir-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3(2)***(h) (iii) sa (v),*** ikunu punibbli b'multi, li l-limitu massimu tagħhom ma għandux ikun inqas minn ***1*** % tal-fatturat globali totali tal-persuna ġuridika fis-sena tan-negozju ta' qabel id-deċiżjoni ta' mmultar.	(2) L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li għal persuni ġuridiċi miżmuma responsabbli skont l-Artikolu ***6***, ir-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3(2) ikunu punibbli b'multi, li l-limitu massimu tagħhom ma għandux ikun inqas minn ***15*** % tal-fatturat globali totali tal-persuna ġuridika fis-sena tan-negozju ta' qabel id-deċiżjoni ta' mmultar.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li għal persuni ġuridiċi miżmuma responsabbli skont l-Artikolu 7, ir-reati msemmija fl-Artikolu 3(2)(a) sa (f), (h)(i) u (ii), u l-punt (i), ikunu punibbli b'multi, li l-limitu massimu tagħhom ma għandux ikun inqas minn 5 % tal-fatturat globali totali tal-persuna ġuridika fis-sena tan-negozju ta' qabel id-deċiżjoni ta' mmultar.	***imħassar***

Or. en

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa fejn iċ-ċirkostanzi li ġejjin ma jkunux diġà jifformaw parti mill-elementi li	Sa fejn iċ-ċirkostanzi li ġejjin ma jkunux diġà jifformaw parti mill-elementi li

jikkostitwixxu r-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li ***waħda jew bosta miċ-ċirkostanzi*** li ġejjin**,** jistgħu jitqiesu bħala ċirkostanzi aggravanti:	jikkostitwixxu r-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li ***ċ-ċirkostanzi*** li ġejjin jistgħu jitqiesu bħala ċirkostanzi aggravanti:

Or. en

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) ir-reat kien jinvolvi l-użu ta' dokumenti foloz jew falsifikati;

Or. en

Emenda 20

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ir-reat twettaq minn fornitur ta' servizz professjonali bi ksur tal-obbligi professjonali ***tiegħu***;	(b) ir-reat twettaq minn fornitur ta' servizz professjonali bi ksur tal-obbligi professjonali ***ta' dak il-fornitur***;

Or. en

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) ir-reat iġġenera jew kien mistenni li jiġġenera benefiċċji finanzjarji

sostanzjali, jew evita spejjeż sostanzjali, direttament jew indirettament;

Or. en

Emenda 22

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) it-trasgressur ifixkel b'mod attiv l-ispezzjoni, il-kontrolli doganali jew l-attivitajiet ta' investigazzjoni, jeqred l-evidenza, jew jintimida jew jinterferixxi ma' xhieda jew ma' lmentaturi;

Or. en

Emenda 23

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) it-trasgressur ma jipprovdix assistenza lill-awtoritajiet tal-ispezzjoni u lil awtoritajiet oħra tal-infurzar meta dan ikun meħtieġ legalment;

Or. en

Emenda 24

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt dd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(dd) fil-każ ta' entitajiet ġuridiċi, ir-reat twettaq mill-maniġment superjuri, jew il-

livell tal-maniġment superjuri kellu raġonevolment ikun jaf bir-reat imwettaq.

Or. en

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) piena ta' priġunerija f'każ ta' reat kriminali li huwa punibbli b'sanzjoni massima ta' mill-inqas ***4*** snin priġunerija,	(b) piena ta' priġunerija f'każ ta' reat kriminali li huwa punibbli b'sanzjoni massima ta' mill-inqas ***ħames*** snin priġunerija,

Or. en

Emenda 26

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa għall-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fil-livelli strateġiċi u operazzjonali fost l-awtoritajiet kompetenti kollha tagħhom amministrattivi, tal-infurzar u ġudizzjarji.	***1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jew jiddeżinja unità ddedikata għall-fini tal-koordinazzjoni*** u l-kooperazzjoni fil-livelli strateġiċi u operazzjonali fost l-awtoritajiet kompetenti kollha tagħhom amministrattivi, tal-infurzar u ġudizzjarji ***fi ħdan Stat Membru***.

Or. en

Emenda 27

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Tali mekkaniżmi għandhom mill-inqas ikunu mmirati lejn:	***2. L-unitajiet iddedikati msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkollhom il-kompiti li ġejjin***:

Or. en

Emenda 28

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***l-iżgurar ta'*** prijoritajiet komuni u l-fehim tar-relazzjoni bejn l-infurzar kriminali u l-infurzar amministrattiv;	(a) ***li jiżguraw*** prijoritajiet komuni u l-fehim tar-relazzjoni bejn l-infurzar kriminali u l-infurzar amministrattiv;

Or. en

Emenda 29

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 2– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***l-iskambju ta'*** informazzjoni għal finijiet strateġiċi u operazzjonali;	(b) ***li jiskambjaw*** informazzjoni għal finijiet strateġiċi u operazzjonali;

Or. en

Emenda 30

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***konsultazzjoni*** f'investigazzjonijiet individwali;	(c) ***li jiġu kkonsultati*** f'investigazzjonijiet individwali;

Or. en

Emenda 31

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***l-iskambju tal-aħjar prattiċi***;	(d) ***li jiskambjaw l-aħjar prattiki***;

Or. en

Emenda 32

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ***assistenza*** lil networks ta' prattikanti li jaħdmu fuq kwistjonijiet rilevanti għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati relatati mal-ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni.	(e) ***li jassistu*** lil networks ta' prattikanti li jaħdmu fuq kwistjonijiet rilevanti għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati relatati mal-ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 33

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jingħataw ir-riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji, il-postijiet u l-infrastruttura mehtieġa għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi tal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 34

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-kooperazzjoni transfruntiera u l-assistenza legali reċiproka fi kwistjonijiet kriminali, ***l-awtoritajiet*** tal-Istati Membri, il-Eurojust, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u l-Kummissjoni għandhom, fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, jikkooperaw flimkien fil-ġlieda kontra r-reati kriminali msemmijin fl-Artikoli 3 u 4. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni, u fejn xieraq, il-Europol u l-Eurojust, għandhom jipprovdu assistenza teknika u operazzjonali sabiex jiffaċilitaw il-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet u tal-prosekuzzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti.	(1) Mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-kooperazzjoni transfruntiera u l-assistenza legali reċiproka fi kwistjonijiet kriminali, ***l-unitajiet iddedikati nazzjonali stabbiliti fl-[Artikolu 13]*** tal-Istati Membri, il-Eurojust, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u l-Kummissjoni għandhom, fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, ***jiltaqgħu regolarment f'format strutturat sabiex jikkoordinaw u*** jikkooperaw flimkien fil-ġlieda kontra r-reati kriminali msemmijin fl-Artikoli 3 u 4. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni, u fejn xieraq, il-Europol u l-Eurojust, għandhom jipprovdu assistenza teknika u operazzjonali sabiex jiffaċilitaw il-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet u tal-prosekuzzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti.

Or. en

Emenda 35

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(1a) L-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri li jipparteċipaw f'kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE għandhom, mingħajr dewmien bla bżonn, jirrapportaw lill-UPPE kwalunkwe mġiba**

kriminali li fir-rigward tagħha huwa jista' jeżerċita l-kompetenza tiegħu f'konformità mal-Artikolu 22 u mal-Artikolu 25(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2017/1939.

Or. en

Emenda 36

Proposta għal direttiva
Artikolu 18a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 18a
	Statistika
	1. L-Istati Membri għandhom jiġbru u jżommu statistika komprensiva fil-livell ċentrali dwar il-miżuri meħuda skont din id-Direttiva.
	2. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' rapportar stabbiliti f'atti legali oħra tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom, fuq bażi annwali, sa Settembru tas-sena ta' wara, jissottomettu lill-Kummissjoni l-istatistika li ġejja dwar ir-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4, speċifikati skont it-tip ta' miżura restrittiva tal-Unjoni:
	(a) l-għadd ta' proċedimenti kriminali mibdija;
	(b) l-għadd ta' proċedimenti kriminali miċħuda;
	(c) l-għadd ta' proċedimenti kriminali li rriżultaw f'liberazzjoni;
	(d) l-għadd ta' proċedimenti kriminali li rriżultaw f'kundanna;
	(e) l-għadd ta' proċedimenti kriminali li huma pendenti;
	(f) it-tul medju tal-proċedimenti kriminali;

(g) il-valur tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ffriżati;

(h) il-valur tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi sekwestrati.

L-istatistika li trid tiġi sottomessa għandha tinkludi wkoll it-tipi u l-livelli ta' pieni u sanzjonijiet imposti għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-[Artikolu 18b] li jikkonċernaw l-istabbiliment ta' regoli dettaljati dwar l-informazzjoni li għandha tinġabar u dwar il-metodoloġija għall-ġbir tal-istatistika msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u l-arranġamenti għat-trażmissjoni tagħha lill-Kummissjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel din l-istatistika disponibbli pubblikament fuq bażi annwali.

Or. en

Emenda 37

Proposta għal direttiva
Artikolu 18b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 18b
	Eżerċizzju tad-delega
	1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
	2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-[Artikolu 18a] għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].
	3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-

[Artikolu 18a] tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-[Artikolu 18a] għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien [xahrejn] min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'[xahrejn] fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 38

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' rapportar stabbiliti f'atti legali	***imħassar***

oħra tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom, fuq bażi annwali, jissottomettu l-istatistika li ġejja dwar ir-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4 lill-Kummissjoni:

(a) l-għadd ta'proċedimenti kriminali mibdija, miċħuda, li rriżultaw f'liberazzjoni, li rriżultaw f'kundanna u li huma pendenti;

(b) it-tipi u l-livelli ta' pieni imposti għall-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Inkluża f'artikolu separat dwar l-istatistika.

Emenda 39

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-Istati Membri għandhom jippreżentaw id-data statistika msemmija fil-paragrafu 2 lill-Kummissjoni bl-użu tal-għodod ta' rapportar iddedikati stabbiliti mill-Kummissjoni għar-rapportar fil-qasam tal-miżuri restrittivi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 40

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sa [OP- jekk jogħġbok daħħal id-data - 5 snin wara li jgħaddi l-perjodu ta' traspożizzjoni], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tal-impatt ta' din id-Direttiva u tippreżenta rapport lill-	(4) Sa [OP- jekk jogħġbok daħħal id-data - 5 snin wara li jgħaddi l-perjodu ta' traspożizzjoni], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tal-impatt ta' din id-Direttiva***, filwaqt li tqis l-istatistika***

Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni għat-tħejjija ta' dak ir-rapport.	***annwali pprovduta mill-Istati Membri,*** u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill***, li għandu jsir pubbliku***. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni għat-tħejjija ta' dak ir-rapport. ***Abbażi ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-azzjonijiet ta' segwitu xierqa, inklużi, jekk tkun meħtieġa, proposta leġiżlattiva.***

Or. en